“RELATIO SYNODI”
TAT-III ASSEMBLEA ĠENERALI STRAORDINARJA
TAS-SINODU TAL-ISQFIJIET
“L-ISFIDI PASTORALI DWAR IL-FAMILJA
FIL-KUNTEST TAL-EVANĠELIZZAZZJONI”
(5-19 TA’ OTTUBRU 2014)

*Is-Sibt 18 ta’ Ottubru 2014*

## WERREJ


**Introduzzjoni**

**L-EWWEL PARTI**
**Is-smigħ: il-kuntest u l-isfidi fuq il-familja**
Il-kuntest soċjo-kulturali
Ir-relevanza tal-ħajja affettiva
L-isfida għall-pastorali

**IT-TIENI PARTI**
**Il-ħarsa lejn Kristu: il-Vanġelu tal-familja**
Il-ħarsa lejn Ġesù u l-pedagoġija divina fl-istorja tas-salvazzjoni
Il-familja fil-pjan salvifiku ta’ Alla
Il-familja fid-dokumenti tal-Knisja
L-indissolubbiltà taż-żwieġ u l-ferħ tal-ħajja flimkien
Il-verità u l-ġmiel tal-familja u ħniena lejn il-familji miġruħa u dgħajfa

**IT-TIELET PARTI**
**Il-konfront: perspettivi pastorali**
Inħabbru l-Vanġelu tal-familja llum, fid-diversi kuntesti
Ngħinu lill-koppji li qegħdin f’mixja ta’ tħejjija għaż-żwieġ
Insieħbu lill-koppji fl-ewwel snin tal-ħajja taż-żwieġ
Kura pastorali għal dawk li qed jgħixu fiż-żwieġ ċivili jew f’konvivenzi
Nikkuraw il-familji miġruħa (separati, divorzjati li ma reġgħux iżżewġu, divorzjati li reġgħu żżewġu, familji b’ġenitur wieħed)
L-attenzjoni pastorali lejn il-persuni b’orjentament omosesswali
It-trasmissjoni tal-ħajja u l-isfida tat-tnaqqis fir-rata tat-twelid
L-isfida tal-edukazzjoni u r-rwol tal-familja fl-evanġelizzazzjoni

**Konklużjoni**


* * *

### Introduzzjoni

**1.** Is-Sinodu tal-Isqfijiet miġbur madwar il-Papa jixħet ħarstu fuq il-familji kollha tad-dinja bil-ferħ tagħhom, it-taħbit tagħhom, it-tamiet tagħhom. Iħossu b’mod partikulari fid-dmir li jrodd ħajr lill-Mulej għall-fedeltà ġeneruża li biha tant familji Nsara qed iwieġbu għas-sejħa u l-missjoni tagħhom. Dan jagħmluh b’ferħ u b’fidi anki meta l-mixja fil-familja tqegħdilhom quddiemhom xkiel, nuqqas ta’ ftehim u kull xorta ta’ tbatija. Għal dawn il-familji jmur l-

apprezzament, ir-radd il-ħajr u l-inkuraġġiment tal-Knisja kollha u ta' dan is-Sinodu. Fil-velja ta' talb iċċelebrata fi Pjazza San Pietru nhar is-Sibt 4 ta' Ottubru 2014 bi tħejjija għas-Sinodu fuq il-Familja, il-Papa Franġisku tkellem b'mod sempliċi u konkret dwar iċ-ċentralità tal-esperjenza tal-familja fil-ħajja tagħna lkoll, u esprima ruħu hekk: "Issa dieħel il-lejl fuq il-laqgħa tagħna. Hi s-siegħa li fiha kulħadd jieħu gost jerġa' lura d-dar biex joqgħod madwar l-istess mejda, f'dak l-ambjent ta' mħabba, jaqsam it-tajjeb li wieħed għamel u rċieva, fil-laqgħat li jsaħħnu l-qalb u jkabbruha, l-inbid bnin li diġà sa minn dawn il-jiem tal-bniedem fuq din l-art iħabbar il-festa li fuqha x-xemx qatt ma tinżel. Din hi wkoll l-itqal siegħa għal min isib ruħu waħdu wiċċ imb'wiċċ mas-solitudni tiegħu, fl-imrar tal-ħolm imtajjar u l-proġetti mkissra tiegħu: kemm nies jispiċċaw ikaxkru l-ġranet tagħhom fl-isqaq tar-rassenjazzjoni, tat-telqa, jekk mhux ukoll tar-rabja; f'kemm djar naqas l-inbid tal-ferħ u, għalhekk, it-togħma tajba – l-istess għerf – tal-ħajja… Illejla fit-talb tagħna ejjew niftakru kemm f'dawn u kemm fl-oħrajn, u ngħidu talba għal kulħadd".

**2.** Ġuf ta' ferħ u ta' provi, ta' relazzjonijiet affettivi qawwija u oħrajn kultant miġruħa, il-familja hi tabilħaqq "skola ta' umanità" (ara *Gaudium et Spes*, 52), li l-bżonn tagħha jinħass b'mod qawwi. Minkejja tant sinjali ta' kriżi fl-istituzzjoni tal-familji fid-diversi kuntesti tal-"villaġġ globali", ix-xewqa għall-familja tibqa' ħajja, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u tqanqal lill-Knisja, esperta fl-umanità u fidila lejn il-missjoni tagħha, biex tħabbar bla heda u b'konvinzjoni qawwija l-"Vanġelu tal-familja" li ġie fdat lilha bir-rivelazzjoni tal-imħabba ta' Alla f'Ġesù Kristu u kien mgħallem bla heda mill-Padri, mill-Imgħallmin tal-ispiritwalità u mill-Maġisteru tal-Knisja. Il-familja f'għajnejn il-Knisja għandha importanza għal kollox partikulari u meta dawk kollha li jemmnu qed jiġu mistiedna joħorġu minnhom infushom, hemm bżonn li l-familja tiskopri mill-ġdid lilha nfisha bħala suġġett essenzjali tal-evanġelizzazzjoni. Ħsiebna jmur lejn ix-xhieda missjunarja ta' tant familji.

**3.** Dwar ir-realtà tal-familja, deċiżiva u prezzjuża, l-Isqof ta' Ruma sejjaħ lis-Sinodu tal-Isqfijiet biex jirrifletti tul-Assemblea Ġenerali Staordinarja tiegħu ta' Ottubru 2014, ħalli mbagħad jinżel iktar fil-fond tar-riflessjoni fl-Assemblea Ġenerali Ordinarja li sa tinżamm f'Ottubru 2015, kif ukoll tul is-sena sħiħa li tifred iż-żewġ ġrajjiet sinodali. "Diġà l-*convenire in unum* madwar l-Isqof ta' Ruma hi ġrajja ta' grazzja, fejn il-kolleġġjalità episkopali tidher f'mixja ta' dixxerniment spiritwali u pastorali": b'dan il-kliem il-Papa Franġisku fisser l-esperjenza sinodali, u wera x'għandha tkun il-ħidma tagħha fis-smigħ doppju tas-sinjali ta' Alla u tal-istorja tal-bnedmin u fil-fedeltà doppja u waħdanija li toħroġ minn dan.

**4.** Fid-dawl tal-istess diskors ġbarna r-riżultati tar-riflessjonijiet tagħna u tad-djalogi tagħna f'dawn it-tliet taqsimiet li ġejjin: is-smigħ, biex nistgħu nħarsu lejn ir-realtà tal-familja llum, fil-kumplessità tad-dawl u d-dellijiet tiegħu; il-ħarsa fissa fuq Kristu biex inkunu kapaċi nħarsu bi freskezza mġedda u b'entużjażmu lejn dak li r-Rivelazzjoni, mgħoddija lilna fil-fidi tal-Knisja, qed tgħidilna fuq il-ġmiel, fuq ir-rwol u fuq id-dinjità tal-familja; il-konfront għad-dawl tal-Mulej Ġesù biex niddixxernu t-toroq li bihom nistgħu nġeddu l-Knisja u s-soċjetà fl-impenn tagħhom għall-familja mwaqqfa fuq iż-żwieġ bejn raġel u mara.

## L-EWWEL PARTI
## Is-smigħ: il-kuntest u l-isfidi fuq il-familja

### Il-kuntest soċjo-kulturali

**5.** Fidili lejn it-tagħlim ta' Kristu, inħarsu lejn ir-realtà tal-familja llum fil-kumplessità kollha tagħha, fid-dawl u d-dellijiet tagħha. Naħsbu fil-ġenituri, in-nanniet, l-aħwa, il-qraba kemm

tal-qrib u kemm tal-bogħod, u fir-rabta bejn żewġ familji li minnha hu minsuġ kull żwieġ. Il-bidla antropoloġika-kulturali llum tinfluwenza l-aspetti kollha tal-ħajja u titlob viżjoni analitika u diversifikata. Ta' min jagħfas qabel xejn fuq l-aspetti pożittivi: libertà akbar ta' espressjoni u għarfien aqwa ta' drittijiet il-mara u t-tfal, tal-inqas f'xi reġjuni. Imma, min-naħa l-oħra, daqshekk ieħor irridu nqisu l-periklu dejjem jikber li qed joħloq l-individwaliżmu esaġerat li jxejjen ir-rabtiet familjari u jispiċċa biex iqis kull parti tal-familja bħala gżira, fejn, f'ċerti każi, tirbaħ l-idea ta' suġġett li jibni lilu nnifsu skont ix-xewqat tiegħu stess li hu jarahom bħala xi assolut. Ma' dan inżidu wkoll il-kriżi tal-fidi li messet lil tant Kattoliċi u li spiss hi fl-għeruq tal-kriżi taż-żwieġ u tal-familja.

**6.** Waħda mill-agħar xejriet ta' faqar tal-kultura ta' żmienna hi s-solitudni, frott tan-nuqqas ta' Alla fil-ħajja tal-persuni u tad-dgħufija fir-relazzjonijiet. Hemm anki sensazzjoni ġenerali ta' impotenza fil-konfront tar-realtà soċjo-ekonomika li spiss tispiċċa tifni lill-familji. Hekk qed jiġri fil-każ tal-faqar dejjem jikber u x-xogħol prekarju li spiss insibu min qed jgħixhom bħala veru inkubu, jew minħabba sistema fiskali peżanti wisq li żgur ma tħeġġiġx liż-żgħażagħ jidħlu għal żwieġ. Spiss il-familji jħossuhom imwarrba minħabba n-nuqqas ta' interess u l-ftit li xejn attenzjoni min-naħa tal-istituzzjonijiet. Huma evidenti l-konsegwenzi negattivi mill-perspettiva tal-organizzazzjoni soċjali: mill-kriżi demografika għall-isfidi edukattivi, mid-diffikultà biex nilqgħu ħajjiet ġodda għas-sensazzjoni li l-preżenza tal-anzjani hi piż. Wieħed jinnota li n-nuqqas ta' mħabba qed jinfirex tant illi l-bniedem qed isir vjolenti. Hi responsabbiltà tal-Istat li joħloq il-kundizzjonijiet leġislattivi u ta' xogħol biex jiggarantixxi l-futur taż-żgħażagħ u jgħinhom iwettqu l-pjan tagħhom li jwaqqfu familja.

**7.** Hemm kuntesti kulturali u reliġjużi li jippreżentaw sfidi partikulari. F'xi soċjetajiet għadha teżisti l-prattika tal-poligamija u f'xi kuntesti tradizzjonali d-drawwa tal-*"marriage in stages"*. F'kuntesti oħra, għadha teżisti l-prattika ta' żwiġijiet miftiehma minn qabel. Fil-pajjiżi fejn il-preżenza tal-Knisja Kattolika hi f'minoranza, ħafna huma ż-żwiġijiet imħallta u ta' disparità fil-kult, bid-diffikultajiet kollha li dawn iġibu magħhom f'dak li għandu x'jaqsam mad-dimensjoni ġuridika, mal-Magħmudija u mal-edukazzjoni tal-ulied u r-rispett reċiproku mill-perspettiva tad-differenzi fit-twemmin. F'dawn iż-żwiġijiet jista' jkun hemm il-periklu tar-relattiviżmu jew tal-indifferenza, imma jista' jkun hemm anki l-possibbiltà ta' spazju li jiffavorixxi l-ispirtu ekumeniku u d-djalogu inter-reliġjuż f'konvivenza armonjuża ta' komunitajiet li jgħixu flimkien fl-istess post. F'ħafna kuntesti, u mhux biss fil-Punent, qed tixtered ħafna l-prassi tal-konvivenza qabel iż-żwieġ jew anki ta' konvivenzi li mhumiex orjentati biex jassumu l-forma ta' rabta istituzzjonali. Ma' dan spiss wieħed irid iżid leġislazzjoni ċivili li tikkomprometti ż-żwieġ u l-familja. Minħabba fis-sekularizzazzjoni f'ħafna partijiet tad-dinja, ir-riferiment għal Alla naqas ħafna u l-fidi m'għadhiex iżjed soċjalment kondiviża.

**8.** Ħafna huma t-tfal li qed jitwieldu barra miż-żwieġ, speċjalment f'xi pajjiżi, u ħafna huma dawk li mbagħad jikbru b'ġenitur wieħed biss jew f'kuntest familjari mwessa' jew imwaqqaf mill-ġdid. L-għadd tad-divorzji qed jikber u mhumiex rari l-każijiet ta' għażliet determinati biss minn fatturi ekonomiċi. It-tfal spiss huma oġġett ta' tilwim bejn il-ġenituri u l-ulied huma l-veri vittmi tat-tiċrit familjari. Il-missirijiet spiss huma assenti mhux biss minħabba kawżi ekonomiċi, hemm fejn suppost jinħass il-bżonn li huma jassumu b'mod iżjed ċar ir-responsabbiltà ta' wliedhom u tal-familja. Id-dinjità tal-mara jeħtieġ tiġi mħarsa u promossa. Fil-fatt illum, f'ħafna kuntesti, li tkun mara sar oġġett ta' diskriminazzjoni u anki d-don tal-maternità spiss jiġi penalizzat flok ippreżentat bħala valur. Lanqas għandna ninsew il-fenomeni dejjem jiżdiedu ta' vjolenza li tagħhom in-nisa huma vittmi, b'xorti ħażin spiss anki fil-familja stess, u l-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa, tant gravi u hekk komuni f'xi kulturi. L-

abbuż sesswali tat-tfal imbagħad hu waħda mir-realtajiet l-iżjed skandalużi u perversi tas-soċjetà tal-lum. Anki s-soċjetajiet li ġarrbu l-vjolenza minħabba fil-gwerra, it-terroriżmu jew il-preżenza tal-kriminalità organizzata, qed jaraw quddiemhom qagħdiet familjari li ħadu daqqa lura, fuq kollox fil-metropoli l-kbar u fil-periferiji tagħhom fejn qed jikber l-hekk imsejjaħ fenomenu tat-tfal tat-triq. Barra dan, l-immigrazzjoni tirrappreżenta sinjal ieħor taż-żminijiet li jeħtieġ naffrontaw u nifhmu, billi nifhmu l-konsegwenzi kollha li din tħalli fuq il-ħajja tal-familja.

**Ir-relevanza tal-ħajja affettiva**

**9.** Quddiem dan il-kwadru soċjali li fissirna, nosservaw f'ħafna partijiet tad-dinja, fl-individwi, bżonn ikbar li jieħdu ħsieb tal-persuna tagħhom infushom, li jsiru jafu lilhom infushom minn ġewwa, li jgħixu aħjar f'sintonija mal-emozzjonijiet u s-sentimenti tagħhom, li jfittxu relazzjonijiet affettivi ta' kwalità; din l-aspirazzjoni tajba tista' tiftaħ għax-xewqa li jimpenjaw ruħhom biex jibnu relazzjonijiet kreattivi ta' għotja u ta' reċiproċità, responsabilizzanti u solidali bħal dawk familjari. Il-periklu individwalista u r-riskju li jgħixu b'mod egoistiku huma tassew rilevanti. L-isfida għall-Knisja hi li tgħin lill-koppji jimmaturaw fid-dimensjoni emozzjonali u fl-iżvilupp affettiv tagħhom billi tippromovi d-djalogu, il-virtù u l-fiduċja fl-imħabba kollha ħniena ta' Alla. L-impenn sħiħ mitlub miż-żwieġ Nisrani jista' jkun antidotu qawwi kontra t-tentazzjoni ta' individwaliżmu egoistiku.

**10.** Fid-dinja tal-lum ma jonqsux tendenzi kulturali li bħal donnhom jimponu affettività mingħajr limiti li donna rridu nesploraw l-aspetti kollha tagħha, anki dawk l-iżjed kumplessi. Fil-fatt, il-kwistjoni tad-dgħufija affettiva hi ħafna attwali: affettività narċisista, instabbli u li tinbidel, li mhux dejjem tgħin lis-suġġetti jilħqu maturità ogħla. Hu ta' tħassib ċertu tixrid tal-pornografija u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-ġisem, misjuq ukoll minn użu ħażin tal-internet, u ta' min jikkundanna s-sitwazzjoni ta' dawk il-persuni li jiġu obbligati jipprattikaw il-prostituzzjoni. F'dan il-kuntest, il-koppji spiss huma inċerti, dubjużi u jbatu biex isibu modi kif jikbru. Ħafna huma dawk li donnhom jeħlu fl-ewwel stadji tal-ħajja emozzjonali u sesswali tagħhom. Il-kriżi tal-koppja theżżeż il-familja, u bis-separazzjonijiet u d-divorzji tista' tasal biex tipproduċi konsegwenzi serji fuq l-adulti, l-ulied u s-soċjetà, iddgħajjef l-individwu u r-rabtiet soċjali. Anki t-tnaqqis demografiku, minħabba mentalità li tippromovi inqas twelidijiet u mħeġġeġ mis-sistemi politiċi dinjija tas-saħħa riproduttiva, mhux biss jiddetermina sitwazzjoni li fiha l-kontinwazzjoni minn ġenerazzjoni għal oħra m'għadhiex iżjed żgurata, imma jirriskja li maż-żmien iġib tfaqqir ekonomiku u jtellef it-tama fil-futur. Anki l-iżvilupp tal-bijoteknoloġiji ħalla impatt qawwi fuq ir-rata tat-twelid.

**L-isfida għall-pastorali**

**11.** F'dan il-kuntest il-Knisja tħoss il-bżonn li tlissen kelma ta' verità u ta' tama. Jeħtieġ naġixxu bil-konvinzjoni li l-bniedem ġej minn Alla u li, għalhekk, riflessjoni li kapaċi terġa' tipproponi l-mistoqsijiet il-kbar fuq xi jfisser li aħna bnedmin, tista' ssib art għammiela fix-xewqat l-iżjed qawwija tal-umanità. Il-valuri kbar taż-żwieġ u tal-familja Nisranija jikkorrispondu għat-tiftix tal-eżistenza umana anki f'dan iż-żmien immarkat mill-individwaliżmu u l-edoniżmu. Jeħtieġ nilqgħu lill-persuni bil-ħajja konkreta tagħhom, nagħrfu nwieżnu t-tiftixa tagħhom, inħeġġu x-xewqa għal Alla u r-rieda li jħossuhom kollhom kemm huma parti mill-Knisja, anki dawk fosthom li ġarrbu l-falliment jew jinsabu fl-agħar sitwazzjonijiet ta' disprament. Il-messaġġ Nisrani dejjem għandu fih ir-realtà u d-dinamika tal-ħniena u tal-verità, li fi Kristu jiltaqgħu flimkien.

## IT-TIENI PARTI
## Il-ħarsa lejn Kristu: il-Vanġelu tal-familja

**Il-ħarsa lejn Ġesù u l-pedagoġija divina fl-istorja tas-salvazzjoni**

**12.** Biex "nivverifikaw il-pass tagħna fuq l-art tal-isfidi kontemporanji, il-kundizzjoni deċiżiva hi li nżommu ħarsitna msammra fuq Ġesù Kristu, nieqfu nikkontemplaw u naduraw il-wiċċ tiegħu [...]. Fil-fatt, kull darba li nerġgħu lura għall-għajn tal-esperjenza Nisranija, jinfetħu quddiemna toroq ġodda u possibbiltajiet li ma konniex ħsibna fihom qabel" (il-Papa Franġisku, *Diskors tal-4 ta' Ottubru 2014*). Ġesù ħares bi mħabba u ħlewwa lejn in-nisa u l-irġiel li magħhom kien jiltaqa', sieħeb il-passi tagħhom bil-verità, is-sabar u l-ħniena, hu u jħabbrilhom dak li kien meħtieġ għas-Saltna ta' Alla.

**13.** Billi l-ordni tal-ħolqien hu determinat mill-orjentament lejn Kristu, irridu nagħżlu bla ma nifirdu minn xulxin id-diversi gradi li bihom Alla jikkomunika lill-umanità l-grazzja tal-Patt. Fid-dawl tal-pedagoġija divina, fejn l-ordni tal-ħolqien jevolvi f'dak tal-fidwa permezz ta' tappi wara xulxin, jeħtieġ nifhmu l-element ġdid tas-sagrament taż-żwieġ Nisrani f'kontinwità maż-żwieġ naturali tal-bidu. Hekk nifhmu hawn il-mod salvifiku kif jaġixxi Alla, kemm fil-ħolqien u kemm fil-ħajja Nisranija. Fil-ħolqien: billi kollox sar bi Kristu u għaliH (ara Kol 1:16), l-Insara "jikxfu bil-ferħ u bil-qima ż-żrieragħ tal-Kelma li huma moħbija ġo fihom, u fl-istess ħin joqogħdu attenti għall-bidla kbira li ssir fost il-ġnus" (*Ad Gentes,* 11). Fil-ħajja Nisranija: ladarba bil-Magħmudija min jemmen jidħol fil-Knisja permezz ta' dik il-Knisja tad-dar li hi l-familja tiegħu, hu jidħol f'dak "il-proċess dinamiku li permezz tiegħu bil-mod il-mod jintegra d-doni ta' Alla" (*Familiaris Consortio,* 9), permezz tal-konverżjoni kontinwa għall-imħabba li tifdi mid-dnub u tagħti l-milja tal-ħajja.

**14.** Ġesù nnifsu, meta jirriferi għall-pjan oriġinali għall-koppja umana, jerġa' jagħfas fuq ir-rabta li ma tinħallx bejn raġel u mara, u jżid jgħid li "kien minħabba l-ebusija ta' qalbkom li Mosè takom il-permess tibagħtu n-nisa tagħkom. Iżda ma kienx hekk mill-bidu" (Mt 19:8). L-indissolubbiltà taż-żwieġ ("Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem", Mt 19:6), qabelxejn m'għandhiex tinftiehem bħala "madmad" impost fuq il-bnedmin, imma bħala "don" li Alla jagħmel lil żewġ persuni magħquda fiż-żwieġ. B'dan il-mod, Ġesù juri kif l-azzjoni divina li biha Alla jiċċekken u jsir bniedem dejjem issieħeb il-mixja umana, tfejjaq u tbiddel il-qalb iebsa bil-grazzja tagħha, torjentaha lejn il-bidu tagħha, permezz tat-triq tas-salib. Mill-Vanġeli joħroġ ċar l-eżempju ta' Ġesù li hu mudell għall-Knisja. Ġesù fil-fatt daħal f'familja, ta bidu għas-sinjali tiegħu fil-festa tat-tieġ ta' Kana, ħabbar il-messaġġ dwar it-tifsira taż-żwieġ bħala l-milja tar-Rivelazzjoni li jfittex mill-ġdid il-pjan oriġinali ta' Alla (Mt 19:3). Imma fl-istess waqt hu qiegħed fil-prattika t-tagħlim tiegħu u hekk wera l-vera tifsira tal-ħniena. Dan jidher ċar fil-laqgħat mas-Samaritana (Ġw 4:1-30) u mal-adultera (Ġw 8:1-11) fejn Ġesù, b'atteġġjament ta' mħabba lejn il-persuna midinba, iwassal għall-indiema u għall-konverżjoni ("mur u tidnibx iżjed"), li hi kundizzjoni għall-maħfra.

**Il-familja fil-pjan salvifiku ta' Alla**

**15.** Il-kliem tal-ħajja ta' dejjem li Ġesù ħalla lid-dixxipli tiegħu kien jiġbor fih ukoll it-tagħlim fuq iż-żwieġ u l-familja. Dan it-tagħlim ta' Ġesù jagħtina li naqsmu fi tliet tappi fundamentali l-pjan ta' Alla għaż-żwieġ u l-familja. L-ewwel nett, għandna l-familja tal-bidu, meta Alla l-Ħallieq waqqaf iż-żwieġ primordjali bejn Adam u Eva, bħala bażi b'saħħitha għall-familja. Alla mhux biss ħalaq lill-bniedem raġel u mara (Ġen 1:27), imma berikhom ukoll biex ikattru u jimlew l-art (Ġen 1:28). Għalhekk, "ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" (Ġen 2:24). Din l-għaqda ġiet imtappna bid-dnub u saret il-forma storika ta' żwieġ fil-Poplu ta' Alla, li għalih Mosè kiseb il-possibbiltà li ssir il-kitba tad-divorzju (ara Dewt 23:1ss). Din il-forma kienet għadha

titħaddem fi żmien Ġesù. Bil-miġja tiegħU u r-rikonċiljazzjoni tad-dinja mġarrfa grazzi għall-fidwa miġjuba minnU, temm l-era inawgurata minn Mosè.

**16.** Ġesù, li rrikonċilja kollox fih, reġġa' lura ż-żwieġ u l-familja għall-forma oriġinali tagħhom (ara Mk 10:1-12). Il-familja u ż-żwieġ ġew mifdija minn Kristu (ara Efes 5:21-32), irrestawrati skont ix-xbieha tat-Trinità Qaddisa, misteru li minnu tnixxi kull imħabba vera. Il-patt taż-żwieġ, inawgurat fil-ħolqien u rrivelat fl-istorja tas-salvazzjoni, isib ir-rivelazzjoni sħiħa tat-tifsira tiegħu fi Kristu u fil-Knisja tiegħu. Mingħand Kristu permezz tal-Knisja, iż-żwieġ u l-familja jirċievu l-grazzja meħtieġa biex jistgħu jagħtu xhieda tal-imħabba ta' Alla u jgħixu l-ħajja f'komunjoni. Il-Vanġelu tal-familja ilu jivvjaġġa fl-istorja tad-dinja, mill-ħolqien tal-bniedem fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla (ara Ġen 1:26-27), sat-twettiq tal-misteru tal-Patt fi Kristu, sat-temma taż-żmien bil-festa tat-tieġ tal-Ħaruf (ara Apok 19:0; Ġwanni Pawlu II, *Katekeżi fuq l-imħabba umana*).

**Il-familja fid-dokumenti tal-Knisja**

**17.** "Matul il-medda tas-sekli, il-Knisja qatt ma naqset milli tagħti t-tagħlim kontinwu tagħha fuq iż-żwieġ u l-familja. Waħda mill-ogħla espressjonijiet ta' dan il-Maġisteru pproponieha l-Konċilju Ekumeniku Vatikan II, fil-Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes*, li jiddedika kapitlu sħiħ lill-promozzjoni tad-dinjità taż-żwieġ u tal-familja (ara *Gaudium et Spes*, 47-52). Dan fisser iż-żwieġ bħala komunità ta' ħajja u ta' mħabba (ara *Gaudium et Spes*, 48), u qiegħed l-imħabba fil-qalba tal-familja, waqt li fl-istess ħin wera l-verità ta' din l-imħabba quddiem id-diversi forom ta' riduzzjoniżmu preżenti fil-kultura ta' żmienna. L-'imħabba vera bejn raġel u mara' (*Gaudium et Spes*, 49) timplika l-għotja reċiproka tagħhom infushom, tinkludi u tintegra fiha d-dimensjoni sesswali u l-affettività, fi qbil mal-pjan divin (ara *Gaudium et Spes*, 48-49). Barra dan, *Gaudium et Spes* 48 tagħfas fuq l-importanza li l-miżżewġin iniżżlu l-għeruq tagħhom fi Kristu: Kristu l-Mulej 'jiltaqa' mal-miżżewġin Insara bis-sagrament taż-żwieġ', u jibqa' magħhom. Fl-Inkarnazzjoni, Hu jieħu fuqu l-imħabba umana, isaffiha, iwassalha għall-milja tagħha, u jagħti lill-miżżewġin, bl-Ispirtu tiegħu, il-ħila li jgħixuha, fil-ħajja kollha tagħhom ta' fidi, tama u mħabba. B'dan il-mod il-miżżewġin huma bħal ikkonsagrati u, permezz tal-grazzja propja, jibnu l-Ġisem ta' Kristu u jwaqqfu Knisja tad-dar (ara *Lumen Gentium*, 11), hekk li l-Knisja, biex tista' tifhem b'mod sħiħ il-misteru tagħha, trid tħares lejn il-familja Nisranija, li dan turih b'mod ġenwin" (*Instrumentum Laboris*, 4).

**18.** "Fuq il-passi tal-Konċilju Vatikan II, il-Maġisteru pontifiċju niżel iktar fil-fond tat-tagħlim fuq iż-żwieġ u l-familja. B'mod partikulari, Pawlu VI, bl-Enċiklika *Humanæ Vitæ*, xeħet dawl fuq ir-rabta intima bejn imħabba konjugali u tnissil tal-ħajja. San Ġawnni Pawlu II iddedika attenzjoni partikulari lill-familja permezz tal-katekeżi tiegħu fuq l-imħabba umana, bl-Ittra lill-Familji (*Gratissimam Sane*) u fuq kollox bl-Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris Consortio*. F'dawn id-dokumenti, il-Papa sejjaħ lill-familja 'triq tal-Knisja'; offra viżjoni sħiħa dwar il-vokazzjoni tar-raġel u l-mara għall-imħabba; ippropona l-linji fundamentali għall-pastorali tal-familja u għall-preżenza tal-familja fis-soċjetà. B'mod partikulari, hu u jittratta l-imħabba konjugali (ara *Familiaris Consortio*, 13), fisser il-mod kif il-miżżewġin, fl-imħabba tagħhom lejn xulxin, jirċievu d-don tal-Ispirtu ta' Kristu u jgħixu s-sejħa tagħhom għall-qdusija" (*Instrumentum Laboris*, 5).

**19.** "Benedittu XVI, fl-Enċiklika *Deus Caritas Est*, reġa' qabad it-tema tal-verità tal-imħabba bejn raġel u mara, li tiddawwal b'mod sħiħ biss mid-dawl tal-imħabba ta' Kristu msallab (ara *Deus Caritas Est*, 2). Hu jinsisti: 'Iż-żwieġ imsejjes fuq l-imħabba esklussiva u definita jsir ix-xbieha (ikona) tar-relazzjoni ta' Alla mal-poplu tiegħu u tal-poplu ma' Alla; il-mod kif

Alla jħobb isir il-kejl tal-imħabba umana' (*Deus Caritas Est,* 11). Barra minn hekk, fl-Enċiklika *Caritas in Veritate,* juri l-importanza tal-imħabba bħala l-prinċipju tal-ħajja fis-soċjetà (ara *Caritas in Veritate,* 44), post fejn wieħed jitgħallem l-esperjenza tal-ġid komuni" (*Instrumentum Laboris,* 6).

**20**. "Il-Papa Franġisku, fl-Enċiklika *Lumen Fidei,* meta jaffronta t-tema tar-rabta bejn il-familja u l-fidi, jikteb hekk: 'Il-laqgħa ma' Kristu, meta jħallu mħabbtu taħtafhom u tmexxihom, twessa' x-xefaq tal-eżistenza u tagħtihom tama soda li ma tqarraqx. Il-fidi mhijiex kenn għal nies bla kuraġġ, iżda ġġib 'il quddiem il-ħajja tagħna. Hi tikxef sejħa kbira, il-vokazzjoni għall-imħabba, u tiżgura li din l-imħabba hi affidabbli, li wieħed jaqbillu jingħata lilha, għaliex is-sies tagħha jinsab fil-fedeltà ta' Alla, li hi aqwa minn kull dgħufija tagħna' (*Lumen Fidei,* 53)" (*Instrumentum Laboris,* 7).

**L-indissolubbiltà taż-żwieġ u l-ferħ tal-ħajja flimkien**

**21.** Id-don reċiproku li fuqu mibni ż-żwieġ sagramentali għandu għeruqu fil-grazzja tal-Magħmudija li twaqqaf il-patt fundamentali ta' kull persuna ma' Kristu fil-Knisja. Meta jilqgħu lil xulxin u bil-grazzja ta' Kristu, l-għarajjes li waslu għaż-żwieġ iwiegħdu li jingħataw għal kollox għal xulxin, b'fedeltà u ftuħ għall-ħajja, u jagħrfu bħala elementi kostituttivi taż-żwieġ id-doni li Alla joffrilhom, jieħdu bis-serjetà l-impenn ta' kull parti, f'ismu u quddiem il-Knisja. Issa, il-fidi tagħmilhielhom possibbli li jagħmlu tagħhom il-ġid taż-żwieġ bħala impenn li jistgħu jidħlu għalih aħjar bl-għajnuna tal-grazzja tas-sagrament. Alla jikkonsagra l-imħabba tal-miżżewġin u jikkonferma l-indissolubbiltà tagħha, joffrilhom l-għajnuna biex jgħixu l-fedeltà, l-integrazzjoni reċiproka u l-ftuħ għall-ħajja. Għalhekk, il-ħarsa tal-Knisja ddur lejn il-miżżewġin bħallikieku lejn il-qalb tal-familja sħiħa li anki hi min-naħa tagħha ddawwar ħarsitha lejn Ġesù.

**22.** Fl-istess perspettiva, aħna u nagħmlu tagħna t-tagħlim tal-Appostlu li jgħid li l-ħolqien kollu kien maħsub fi Kristu u fid-dawl tiegħu (ara Kol 1:16), il-Konċilju Vatikan II ried juri apprezzament għaż-żwieġ naturali u l-elementi validi preżenti fir-reliġjonijiet l-oħra (ara *Nostra Ætate,* 2) u fil-kulturi, minkejja l-limitazzjonijiet u n-nuqqasijiet (ara *Redemptoris Missio,* 55). Il-preżenza tas-*semina Verbi* fil-kulturi (ara *Ad Gentes,* 11) tista' tiġi applikata, f'ċerti każi, anki għar-realtà taż-żwieġ u l-familja f'tant kulturi u persuni mhux Insara. Mela nsibu elementi validi anki f'xi forom 'il barra miż-żwieġ Nisrani – li, imma, xorta huma mwaqqfa fuq ir-relazzjoni stabbli u vera bejn raġel u mara –, li xorta waħda nżommu li huma orjentati lejh. B'ħarsitha mdawra fuq l-għerf uman tal-popli u tal-kulturi, il-Knisja tagħraf anki lil din il-familja bħala ċ-ċellula bażilari meħtieġa u għammiela tal-konvivenza umana.

**Il-verità u l-ġmiel tal-familja u ħniena lejn il-familji miġruħa u dgħajfa**

**23.** B'ferħ u faraġ kbir, il-Knisja tħares lejn il-familji li baqgħu fidili lejn it-tagħlim tal-Vanġelu, u troddilhom ħajr u tqawwilhom qalbhom għax-xhieda li qed joffru. Fil-fatt, grazzi għalihom, il-ġmiel taż-żwieġ indissolubbli u fidil għal dejjem isir ħaġa kredibbli. Fil-familja, "li tista' titqies il-Knisja tad-dar" (*Lumen Gentium,* 11), timmatura l-ewwel esperjenza ekkleżjali tal-komunjoni bejn il-persuni, fejn, bi grazzja, jidher il-misteru tat-Trinità Qaddisa. "Hu fi ħdan il-familja li wieħed jitgħallem it-toqol u l-ferħ tax-xogħol, l-imħabba bejn l-aħwa, il-maħfra mill-qalb, ukoll jekk imtennija kemm-il darba, u fuq kollox, il-qima ta' Alla permezz tat-talb u tal-offerta tal-ħajja" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* 1657). Il-Familja Mqaddsa ta' Nazareth hi l-mudell tal-għaġeb, li fl-iskola tagħha aħna "nifhmu għaliex għandna nħaddnu dixxiplina spiritwali, jekk irridu nimxu mat-tagħlim tal-Vanġelu u nsiru dixxipli ta' Kristu" (Pawlu VI, *Diskors f'Nazareth*, 5 ta' Jannar 1964). Il-Vanġelu tal-familja

jsaqqi wkoll dik iż-żerriegħa li għadha qed tistenna biex tikber, u għandu jieħu ħsieb ukoll ta' dawk is-siġar li nixfu u għandhom bżonn min jagħti kashom u mhux jittraskurahom.

**24.** Il-Knisja, bħala għalliema żgura u omm attenta, anki jekk tagħraf li għall-imgħammdin m'hemmx rabta ta' żwieġ ieħor ħlief dik sagramentali, u li kull ksur tiegħu hi kontra r-rieda ta' Alla, taf ukoll bid-dgħufija ta' ħafna minn uliedha li qed iħabbtu wiċċhom mad-diffikultajiet fil-mixja tal-fidi. "Għalhekk, bla nnaqqsu xejn mill-valur tal-ideal tal-Vanġelu, jeħtieġ nakkumpanjaw bil-ħniena u s-sabar il-passi ta' maturità tal-persuni li huma jibnu jum wara l-ieħor. […] Pass ċkejken, qalb il-limitazzjonijiet kbar umani, jista' jkun mogħġub iżjed quddiem Alla minn ħajja – li minn barra tidher tajba – ta' min jgħaddi ħajtu bla qatt iħabbat wiċċu ma' diffikultajiet importanti. Għand kulħadd għandu jasal il-faraġ u t-tħeġġiġ tal-imħabba feddejja ta' Alla, li jaħdem b'mod misterjuż f'kull persuna, lil hemm mid-difetti u l-waqgħat tagħha" (*Evangelii Gaudium*, 44).

**25.** Biex ikollha din l-attitudni pastorali mal-persuni li daħlu fi żwieġ ċivili, li huma divorzjati u miżżewġa mill-ġdid, jew li sempliċement qed jikkoabitaw, il-Knisja għandha turihom il-pedagoġija divina tal-grazzja li taħdem f'ħajjithom u tgħinhom jilħqu l-milja tal-pjan ta' Alla fihom. Bl-istess ħarsa ta' Kristu, li d-dawl tiegħu idawwal lil kull bniedem (ara Ġw 1:9; *Gaudium et Spes*, 22), il-Knisja ddur bi mħabba fuq dawk kollha li mhux qed jieħdu sehem sħiħ fil-ħajja tagħha, għax tagħraf li l-grazzja ta' Alla taħdem f'ħajjithom ukoll u tagħtihom il-kuraġġ biex iwettqu t-tajjeb, biex jieħdu ħsieb ta' xulxin bi mħabba u jkunu ta' servizz għall-komunità li fiha jgħixu u jaħdmu.

**26.** Il-Knisja hi mħassba kif tant żgħażagħ m'għadx għandhom fiduċja fl-impenn taż-żwieġ, tbati meta tara b'kemm ħeffa tant fidili jiddeċiedu li jġibu fi tmiemha r-rabta li jkunu daħlu għaliha, biex iwaqqfu oħra. Dawn il-fidili, li jagħmlu parti mill-Knisja, għandhom bżonn ta' attenzjoni pastorali mimlija ħniena u kuraġġ, li kapaċi tagħmel differenza xierqa bejn sitwazzjoni u oħra. Iż-żgħażagħ mgħammdin għandna nqawwulhom qalbhom biex ma jibżgħux quddiem l-għana li s-sagrament taż-żwieġ kapaċi jagħti lill-pjanijiet tagħhom, imsaħħin mill-qawwa li jirċievu mill-grazzja ta' Kristu u mill-possibbiltà li jieħdu sehem sħiħ fil-ħajja tal-Knisja.

**27.** F'dan is-sens, dimensjoni ġdida tal-pastorali tal-familja llum hi li nkunu attenti għar-realtà taż-żwiġijiet ċivili bejn raġel u mara, għaż-żwiġijiet tradizzjonali u, għalkemm fuq livell differenti, anki għall-konvivenzi. Meta dik l-għaqda partikulari tilħaq ċerta stabbiltà permezz ta' rabta pubblika, hi kkaratterizzata minn imħabba qawwija, tagħti responsabbiltà fil-konfront tal-ulied, u toffri l-kapaċità li jiġu ssuperati l-provi, allura nistgħu nħarsu lejha bħala okkażjoni ta' akkumpanjament fl-iżvilupp lejn is-sagrament taż-żwieġ. Imma spiss il-konvivenza ma ssirx fid-dawl ta' possibbiltà ta' żwieġ fil-futur, imma mingħajr ebda ħsieb li titwaqqaf rabta istituzzjonali.

**28.** F'sintonija mal-ħarsa kollha ħniena ta' Ġesù, il-Knisja għandha ssieħeb b'attenzjoni u għożża lil uliedha l-aktar dgħajfa, milquta minn imħabba miġruħa u mifnija, u tagħtihom lura l-fiduċja u t-tama, bħad-dawl tal-fanal ta' port jew ta' musbieħ mixgħul f'nofs in-nies biex idawwal lil dawk li tilfu t-triq jew inqabdu f'nofs tempesta qalila. Aħna nafu li l-akbar ħniena li nistgħu nuru hi meta ngħidu l-verità bi mħabba, u għalhekk irridu mmiddu pass lil hemm mill-kompassjoni. L-imħabba ħanina, l-istess kif tiġbed lejha u tgħaqqad, taf ukoll tibdel u tgħolli 'l fuq. Tistieden għall-konverżjoni. Hekk ukoll nifhmu kif iġib ruħu l-Mulej, li ma jikkundannax lill-adultera, imma jitlobha ma tidnibx iżjed (ara Ġw 8:1-11).

## IT-TIELET PARTI
## Il-konfront: perspettivi pastorali

### Inħabbru l-Vanġelu tal-familja llum, fid-diversi kuntesti

**29.** Id-djalogu sinodali waqaf fuq xi aspetti pastorali li jinħassu l-iżjed urġenti biex jafdahom għall-implimentazzjoni fid-diversi Knejjes lokali, fil-komunjoni *"cum Petro et sub Petro"*. Fit-tħabbira tal-Vanġelu tal-familja tinħass ċerta urġenza għall-evanġelizzazzjoni ġdida. Il-Knisja hi msejħa twettaqha bi ħlewwa ta' omm u ċarezza ta' għalliema (ara Efes 4:15), f'fedeltà lejn il-*kenosi* ħanina ta' Kristu. Il-verità titlaħħam fid-dgħufija umana mhux biex tikkundannaha, imma biex tifdiha (ara Ġw 3:16 -17).

**30.** L-evanġelizzazzjoni hi responsabbiltà tal-poplu kollu ta' Alla, kull wieħed u waħda skont il-ministeru u l-kariżma tiegħu. Mingħajr ix-xhieda hienja tal-miżżewġin u tal-familji, knejjes tad-dar, it-tħabbira, anki jekk korretta, tirriskja li ma tinftiehemx jew li tegħreq fil-baħar ta' kliem li jikkaratterizza s-soċjetà tagħna (ara *Novo Millennio Ineunte*, 50). Il-Padri Sinodali iżjed minn darba saħqu fuq il-fatt li l-familji Kattoliċi, bil-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ, huma msejħa biex ikunu huma stess suġġetti attivi tal-pastorali tal-familja.

**31.** Jeħtieġ li nuru l-importanza tal-primat tal-grazzja, u għalhekk il-possibbiltajiet li l-Ispirtu jagħti fis-sagrament. Dan ifisser li rridu nuru kif il-Vanġelu tal-familja hu ferħ li "jimla l-qalb u l-ħajja kollha kemm hi", għax fi Kristu aħna "meħlusa mid-dnub, mid-dwejjaq, mill-vojt ġewwieni, mill-iżolament" (*Evangelii Gaudium*, 1). Fid-dawl tal-parabbola ta' dak li ħareġ jiżra' (ara Mt 13:3), xogħolna hu li nikkoperaw fiż-żrigħ: il-bqija jagħmlu Alla. Ma rridux ninsew lanqas li l-Knisja li tipprietka fuq il-famija hi sinjal ta' kontradizzjoni.

**32.** Għalhekk il-Knisja kollha hi msejħa għal konverżjoni missjunarja: jeħtieġ ma niqfux ma' tħabbira purament teorika u maqtugħa mill-problemi reali tan-nies. Ma rridu qatt ninsew li l-kriżi tal-fidi ġabet kriżi fiż-żwieġ u fil-familja u, bħala konsegwenza, spiss ġiet imfixkla t-trasmissjoni tal-istess fidi mill-ġenituri għall-ulied. Meta hemm fidi qawwija, l-impożizzjoni ta' ċerti kurrenti kulturali li jdgħajfu l-familja u ż-żwieġ m'għandhiex effett.

**33.** Il-konverżjoni hi wkoll dik tal-lingwaġġ, għax dan fil-fatt hu sinifikattiv ħafna. It-tħabbira għandha turina kif il-Vanġelu tal-familja hu tweġiba għax-xewqat l-iżjed qawwija tal-bniedem: għad-dinjità tiegħu u għat-twettiq sħiħ fir-reċiproċità, fil-komunjoni u fil-fekondità. Hawn m'aħniex qegħdin biss nippreżentaw normattiva, imma qed nipproponu sett ta' valuri, li jwieġbu għall-ħtiġijiet li llum qed jinħassu anki fl-iktar pajjiżi sekularizzati.

**34.** Il-Kelma ta' Alla hi għajn ta' ħajja u spiritwalità għall-familja. Il-pastorali kollha tal-familja għandha ssawwar minn ġewwa u tifforma lill-membri tal-Knisja tad-dar bil-qari tal-Iskrittura Mqaddsa fit-talb u l-ispirtu ekkleżjali. Il-Kelma ta' Alla mhix biss aħbar tajba għall-ħajja privata tal-persuni, imma anki kriterju ta' ġudizzju u dawl għad-dixxerniment tad-diversi sfidi li magħhom iħabbtu wiċċhom il-koppji miżżewġa u l-familji.

**35.** Fl-istess waqt, bosta Padri Sinodali insistew fuq attitudni iżjed pożittiva quddiem l-għana tad-diversi esperjenzi reliġjużi, imma mingħajr ma nibqgħu lura milli nsemmu d-diffikultajiet. F'dawn id-diversi realtajiet reliġjużi u fid-differenzi kulturali kbar li jikkaratterizzaw il-pajjiżi, jixraq li l-ewwel napprezzaw il-possibbiltajiet pożittivi u fid-dawl tagħhom niżnu l-limiti u n-nuqqasijiet li jeżistu.

**36.** Iż-żwieġ Nisrani hu vokazzjoni li għandha tiġi milqugħa bi tħejjija xierqa fi ħdan mixja ta' fidi, b'dixxerniment matur, u ma jistax jitqies biss bħala tradizzjoni kulturali jew esiġenza soċjali jew ġuridika. Għalhekk irridu nsibu mixjiet li jakkumpanjaw il-persuna u l-koppja b'mod li mal-kontenuti tal-fidi ngħaddu wkoll l-esperjenza tal-ħajja li toffri l-komunità ekkleżjali kollha.

**37.** Kemm-il darba ssemmiet il-ħtieġa ta' tiġdid radikali tal-prassi pastorali fid-dawl tal-Vanġelu tal-familja, biex jintgħelbu l-ottiċi individwalistiċi li għadhom jikkaratterizzawha. Għalhekk iżjed minn darba saret insistenza fuq it-tiġdid tal-formazzjoni tal-presbiteri, tad-djakni, tal-katekisti u tal-operaturi pastorali l-oħra, permezz ta' sehem ikbar tal-istess familji.

**38.** Daqstant ieħor saret enfasi fuq il-ħtieġa ta' evanġelizzazzjoni li ma tibżax teħodha kontra l-kundizzjonamenti kulturali, soċjali, politiċi u ekonomiċi, bħall-ispazju żejjed li qed jingħata lil-loġika tas-suq, li jxekklu ħajja familjari awtentika, u jġibu diskriminazzjonijiet, faqar, esklużjoni, vjolenza. Għalhekk għandna nħabirku b'riżq djalogu u koperazzjoni mal-istrutturi soċjali, u ninkuraġġixxu u nwieżnu l-lajċi li, ta' Nsara, jimpenjaw ruħhom fil-qasam kulturali u soċjo-politiku.

**Ngħinu lill-koppji li qegħdin f'mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ**

**39.** Ir-realtà soċjali kumplessa u l-isfidi li l-familja llum hi msejħa taffronta jitolbu impenn ikbar tal-komunità Nisranija kollha għat-tħejjija tal-għarajjes għaż-żwieġ. Importanti niftakru l-importanza tal-virtujiet. Fost dawn, il-kastità hi kundizzjoni prezzjuża biex tabilħaqq tista' tikber l-imħabba bejn żewġ persuni. Dwar din il-ħtieġa l-Padri Sinodali qablu f'li jinsistu fuq l-importanza ta' sehem ikbar tal-komunità sħiħa fejn fuq quddiem tiġi x-xhieda tal-istess familji, kif ukoll li nniżżlu iżjed l-għeruq tat-tħejjija għaż-żwieġ fil-mixja ta' inizjazzjoni Nisranija, b'enfasi fuq ir-rabta taż-żwieġ mal-Magħmudija u s-sagramenti l-oħra. Spiss ħarġet il-ħtieġa ta' programmi speċifiċi għat-tħejjija prossima għaż-żwieġ li jkunu esperjenza vera ta' parteċipazzjoni fil-ħajja tal-Knisja u jinżlu fil-fond tad-diversi aspetti tal-ħajja tal-familja.

**Insieħbu lill-koppji fl-ewwel snin tal-ħajja taż-żwieġ**

**40.** L-ewwel snin taż-żwieġ huma perjodu vitali u delikat li tulu l-koppji jibdew jagħrfu iżjed l-isfidi u t-tifsira taż-żwieġ. Minn hawn toħroġ il-ħtieġa ta' akkumpanjament pastorali li jibqa' għaddej anki wara ċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament (ara *Familiaris Consortio*, it-III parti). Ta' importanza kbira f'din il-pastorali hi l-preżenza ta' koppji miżżewġa li għandhom ċerta esperjenza. Il-parroċċa hi meqjusa bħala l-post fejn il-koppji esperti jistgħu jkunu għad-dispożizzjoni ta' dawk iżjed żgħażagħ, li 'l quddiem imbagħad jistgħu jissieħbu wkoll f'xi għaqda, moviment ekkleżjali jew komunità ġdida. Għandna ninkuraġġixxu lill-miżżewġin biex ikollhom l-atteġġjament fundamentali li jilqgħu d-don kbir tal-ulied. Ninsistu fuq l-importanza tal-ispiritwalità tal-familja, tat-talb u tas-sehem fil-Quddiesa tal-Ħadd, ninkuraġġixxu lill-koppji biex jiltaqgħu spiss biex ixettlu fihom il-ħajja spiritwali u s-solidarjetà fil-ħtiġijiet konkreti tal-ħajja. Issemmew liturġiji, prattiki devozzjonali u Quddies iċċelebrat għall-familji, fuq kollox fl-anniversarju tat-tieġ, bħala aspetti vitali li jiffavorixxu l-evanġelizzazzjoni permezz tal-familja.

**Kura pastorali għal dawk li qed jgħixu fiż-żwieġ ċivili jew f'konvivenzi**

**41.** Waqt li jissokta jħabbar u jippromovi ż-żwieġ Nisrani, is-Sinodu jħeġġeġ anki d-dixxerniment pastorali tas-sitwazzjonijiet ta' tant nies li m'għadhomx jgħixu iżjed din ir-realtà. Importanti nidħlu fi djalogu pastorali ma' persuni bħal dawn biex nuruhom liema huma dawk l-aspetti ta' ħajjithom li jistgħu jwasslu għal ftuħ ikbar għall-Vanġelu taż-żwieġ

fil-milja tiegħu. Ir-Rgħajja jridu jidentifikaw elementi li jistgħu jiffavorixxu l-evanġelizzazzjoni u l-maturità umana u spiritwali. Sensibbiltà ġdida tal-pastorali tal-lum tikkonsisti f'li nagħrfu l-elementi pożittivi preżenti fiż-żwiġijiet ċivili u, anki jekk mhux fl-istess livell, fil-konvivenzi. Hemm bżonn li fil-proposta tal-Knisja, waqt li naffermaw b'ċarezza l-messaġġ Nisrani, nindikaw anki elementi kostruttivi f'dawk is-sitwazzjonijiet li jew għadhom mhux jikkorrispondu għaliha, jew m'għadhomx.

**42.** Innutajna wkoll li f'bosta pajjiżi "għadd dejjem jikber ta' koppji jikkonvivu *ad experimentum*, mingħajr ebda żwieġ la kanoniku, lanqas ċivili" (*Instrumentum Laboris,* 81). F'xi pajjiżi dan qed iseħħ b'mod speċjali fiż-żwieġ tradizzjonali, miftiehem bejn familja u oħra u spiss iċċelebrat f'diversi tappi. F'pajjiżi oħra, min-naħa l-oħra, qed jiżdied l-għadd ta' dawk li wara li jkunu għexu flimkien għal żmien twil, jitolbu li jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom fil-knisja. L-għażla ta' sempliċi konvivenza spiss hi frott tal-mentalità ġenerali li teħodha kontra l-istituzzjonijiet u l-impenji defenittivi, imma anki għax wieħed jibqa' jistenna ċerta sigurezza fil-ħajja (xogħol jew paga fissa). Fl-aħħar nett, f'pajjiżi oħra, l-unjonijiet *de facto* huma ħafna fl-għadd, mhux biss għax qed jitwarrbu l-valuri tal-familja u taż-żwieġ, imma fuq kollox għax il-fatt li tiżżewweġ hu meqjus lussu, minħabba fil-kundizzjonijiet soċjali, hekk li l-miżerja materjali twassalhom biex jgħixu f'unjonijiet *de facto*.

**43.** Dawn is-sitwazzjonijiet kollha għandna naffrontawhom b'mod kostruttiv, u nippruvaw nibdluhom f'opportunitajiet ta' mixja lejn il-milja taż-żwieġ u tal-familja fid-dawl tal-Vanġelu. Irridu nilqgħuhom u nakkumpanjawhom b'sabar u delikatezza. Għalhekk tiswa ħafna x-xhieda attraenti ta' familji Nsara awtentiċi, bħala suġġetti tal-evanġelizzazzjoni tal-familja.

**Nikkuraw il-familji miġruħa (separati, divorzjati li ma reġgħux iżżewġu, divorzjati li reġgħu żżewġu, familji b'ġenitur wieħed)**

**44.** Meta l-miżżewġin jgħaddu minn problemi fir-relazzjonijiet tagħhom, għandhom isibu l-għajnuna u l-akkumpanjament tal-Knisja. Il-pastorali tal-imħabba u l-ħniena tfittex il-fejqan tal-persuni u tar-relazzjonijiet. L-esperjenza turina li b'għajnuna xierqa u bl-azzjoni ta' rikonċiljazzjoni tal-grazzja, perċentwal kbir ta' kriżijiet taż-żwieġ jingħelbu b'mod sodisfaċenti. Li nkunu nafu naħfru u nħossuna maħfura hi esperjenza fundamentali fil-ħajja tal-familja. Il-maħfra bejn il-miżżewġin tagħtihom li jduqu mħabba li hi dejjiema u ma tintemm qatt (ara 1 Kor 13:8). Xi kultant jidher diffiċli għal min irċieva l-maħfra ta' Alla li jsib il-qawwa biex joffri maħfra awtentika li tista' tagħti mill-ġdid il-ħajja lill-persuni.

**45.** Fis-Sinodu reġgħet ħarġet ċara l-ħtieġa ta' għażliet pastorali kuraġġjużi. Il-Padri Sinodali reġgħu kkonfermaw bil-qawwa l-fedeltà lejn il-Vanġelu tal-familja u għarfu li separazzjoni u divorzju huma dejjem ġerħa li ġġib tbatijiet kbar għall-miżżewġin li jġarrbuhom u lill-ulied, u b'dan raw l-urġenza ta' mixjiet pastorali ġodda, li jibdew mir-realtà tad-dgħufija fil-familji, għax jafu li dawn spiss huma tbatija "mġarrba" iktar milli għażliet li jsiru b'libertà sħiħa. Hawn għandna quddiemna sitwazzjonijiet diversi minħabba fatturi kemm personali u kemm kulturali u soċjo-ekonomiċi. Kif issuġġerixxa San Ġwanni Pawlu II, hi meħtieġa ħarsa differenzjata (ara *Familiaris Consortio,* 84).

**46.** Kull familja għandna qabelxejn nagħtuha widen b'rispett u mħabba, u nseħbuha fil-mixja tagħha kif għamel Kristu mad-dixxipli fit-triq ta' Għemmaws. Jgħodd b'mod partikulari għal dawn is-sitwazzjonijiet kliem il-Papa Franġisku: "Il-Knisja jeħtieġ tlaqqa' lill-membri tagħha – saċerdoti, reliġjużi u lajċi – ma' din l-'arti tal-akkumpanjament', biex ilkoll jitgħallmu dejjem jinżgħu l-qorq quddiem l-art imqaddsa tal-persuna l-oħra (ara Eż 3:5). Jeħtieġ li l-

mixja tagħna nagħtuha ritmu b'saħħtu li jqegħidha qrib tal-oħrajn, b'ħarsa mimlija rispett u ħniena imma li fl-istess ħin ikollha l-ħila tfejjaq, teħles u tħeġġeġ il-maturità fil-ħajja Nisranija" (*Evangelii Gaudium*, 169).

**47.** Hu indispensabbli dixxerniment partikulari biex nakkumpanjaw pastoralment is-separati, id-divorzjati, l-abbandunati. Irridu nilqgħu u nagħtu valur fuq kollox lit-tbatija ta' dawk l-individwi li b'mod inġust ġarrbu s-separazzjoni, id-divorzju jew l-abbandun, inkella, minħabba maltrattamenti mill-parti l-oħra, kellhom iwaqqfu r-relazzjoni. Il-maħfra tal-inġustizzja li wieħed ikun ġarrab mhix ħaġa ħafifa, imma hi mixja li l-grazzja tagħmel possibbli. Minn hawn toħroġ il-ħtieġa ta' pastorali tar-rikonċiljazzjoni u tal-medjazzjoni permezz ukoll ta' ċentri speċjalizzati ta' smigħ li għandhom jitwaqqfu fid-djoċesijiet. Bl-istess mod, ninsistu li hu indispensabbli li nifhmu b'mod fidil u kostruttiv il-kosegwenzi tas-separazzjoni jew tad-divorzju fuq l-ulied, li dejjem huma vittmi innoċenti tas-sitwazzjoni. Huma m'għandhomx ikunu "oġġett" ta' pika, u għandna nfittxu l-aħjar forom biex jistgħu jegħlbu t-trawma tal-firda familjari u jikbru bl-aktar mod seren possibbli. Hu x'inhu, il-Knisja dejjem għandha tesponi l-inġustizzja li spiss toħroġ minn sitwazzjoni ta' divorzju. Għandna nagħtu attenzjoni speċjali lill-akkumpanjament tal-familji b'ġenitur wieħed, b'mod partikulari ngħinu lin-nisa li jkollhom jerfgħu waħidhom ir-responsabbiltà tad-dar u l-edukazzjoni tal-ulied.

**48.** Għadd kbir ta' Padri għafsu fuq il-ħtieġa li nagħmlu iżjed aċċessibbli u ħfief, possibbilment għal kollox b'xejn, il-proċeduri għall-għarfien tal-każi ta' annullament. Fost il-proposti ġew indikati dawn: li ma tibqax il-ħtieġa tat-tieni istanza biex tikkonferma s-sentenzi; il-possibbiltà li niddeterminaw struttura amministrattiva taħt ir-responsabbiltà tal-isqof djoċesan; isir proċess sommarju meta l-każ ta' annullament hu wieħed ċar. Imma xi Padri kienu kontra dawn il-proposti għax ma jiggarantux ġudizzju li tista' toqgħod fuqu. Ta' min jafferma mill-ġdid li f'dawn il-każi kollha dak li qed jiġi żgurat hu l-verità dwar il-validità tar-rabta. Skont proposti oħra, ta' min jikkunsidra wkoll il-possibbiltà li, fl-ordni tal-validità tas-sagrament, tingħata rilevenza lir-rwol tal-fidi tal-għarajjes li jkunu resqu għaż-żwieġ, waqt li jibqa' jinżamm li fost l-imgħammdin iż-żwiġijiet validi kollha huma sagrament.

**49.** Dwar il-kawżi taż-żwieġ, it-tħaffif fiż-żmien tal-proċedura, mitlub minn ħafna, barra li jitlob it-tħejjija ta' biżżejjed operaturi, kjeriċi u lajċi mogħtija għal din il-ħidma, jagħfas aktar fuq ir-responsabbiltà tal-isqof djoċesan, li fid-djoċesi tiegħu jista' jqabbad konsulenti mħejjija kif jixraq li jistgħu jagħtu pariri b'xejn lill-partijiet konċernati fuq il-validità taż-żwieġ tagħhom. Din il-funzjoni għandha titwettaq minn uffiċċju jew persuni kwalifikati (ara *Dignitas Connubii*, art. 113, 1).

**50.** Il-persuni divorzjati imma li ma reġgħux iżżewġu, li spiss huma xhieda tal-fedeltà taż-żwieġ, għandna nħeġġuhom isibu fl-Ewkaristija l-ikel li jqawwihom fl-istat tagħhom. Il-komunità lokali u r-Rgħajja għandhom isieħbu lil dawn il-persuni b'għożża u attenzjoni, fuq kollox meta jkun hemm l-ulied jew il-qagħda tal-faqar tagħhom hi waħda gravi.

**51.** Anki s-sitwazzjonijiet tad-divorzjati li reġgħu żżewġu jitolbu dixxerniment attent u akkumpanjament ta' rispett kbir, fejn jiġi evitat kull lingwaġġ jew atteġġjament li jġagħilhom iħossuhom iddiskriminati u li jippromovi s-sehem tagħhom fil-ħajja tal-komunità. Li tieħu ħsieb tagħhom, għall-komunità Nisranija ma jfissirx li qed iddgħajjef il-fidi tagħha jew ix-xhieda tagħha fuq l-indissolubbiltà taż-żwieġ, anzi, propju f'din l-għożża hi tesprimi l-imħabba tagħha.

**52.** Irriflettejna fuq il-possibbiltà li d-divorzjati u dawk li reġgħu żżewġu jersqu għas-sagramenti tal-Penitenza u tal-Ewkaristija. Bosta Padri Sinodali insistew li tinżamm id-dixxiplina attwali, minħabba fir-rabta kostituttiva bejn is-sehem fl-Ewkaristija u l-komunjoni mal-Knisja u t-tagħlim tagħha fuq iż-żwieġ indissolubbli. Oħrajn kienu tal-fehma li m'għandniex naqtgħu linja dritta dwar min għandu jitħalla jersaq għall-mejda Ewkaristika, l-aktar meta hemm sitwazzjonijiet partikulari u kundizzjonijiet preċiżi, fuq kollox meta hemm każijiet irriversibbli u marbuta ma' obbligi morali lejn l-ulied li jispiċċaw iġarrbu tbatija inġusta. Jekk dawn jingħatalhom aċċess għas-sagramenti, qabel għandhom jgħaddu minn mixja penitenzjali taħt ir-responsabbiltà tal-isqof djoċesan. Dan l-argument ta' min jinżel iżjed fil-fond tiegħu, waqt li nżommu sew quddiem għajnejna d-distinzjoni bejn sitwazzjoni oġġettiva ta' dnub u ċirkustanzi attenwanti, billi "il-ħtija u r-responsabbiltà ta' xi għemil jistgħu jonqsu jew jispiċċaw għal kollox" minħabba diversi "fatturi oħra psikiċi jew soċjali" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1735).

**53.** Xi Padri sostnew li l-persuni divorzjati u miżżewġa mill-ġdid jew li qed jikkonvivu jistgħu jirrikorru bi frott għat-tqarbina tax-xewqa. Padri oħra għalhekk staqsew għaliex m'għandhomx jersqu wkoll għat-tqarbina sagramentali. Għalhekk inħeġġu approfondiment ta' din it-tematika li tixħet dawl akbar fuq il-pekuljarità taż-żewġ forom u r-rabta tagħhom mat-teoloġija taż-żwieġ.

**54.** Il-problematiċi marbuta maż-żwiġijiet imħallta spiss issemmew fl-interventi tal-Padri Sinodali. Id-diversità tad-dixxiplina taż-żwieġ tal-Knejjes Ortodossi f'xi kuntesti tqiegħed problemi li fuqhom hu meħtieġ nirriflettu f'ambitu ekumeniku. Bl-istess mod, għaż-żwiġijiet inter-reliġjużi hu importanti l-kontribut tad-djalogu mar-reliġjonijiet.

**L-attenzjoni pastorali lejn il-persuni b'orjentament omosesswali**

**55.** Xi familji jgħixu l-esperjenza li fi ħdanhom għandhom persuni b'orjentament omosesswali. F'dan ir-rigward, staqsejna liema attenzjoni pastorali hi opportuna quddiem din is-sitwazzjoni billi rriferejna għal dak li tgħallem il-Knisja: "Ma teżisti l-ebda bażi biex nistgħu npoġġu fuq l-istess livell jew noħolqu xebh, imqar remot, bejn l-unjonijiet omosesswali u l-pjan ta' Alla għaż-żwieġ u l-familja". Madankollu, l-irġiel u n-nisa b'tendenzi omosesswali għandhom jiġu milqugħa b'rispett u delikatezza. "Fil-konfront tagħhom għandha tiġi evitata kull tikketta ta' diskriminazzjoni inġusta" (Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, *Kunsiderazzjonijiet dwar il-proposti ta' għarfien legali tal-unjonijiet bejn persuni omosesswali*, 4).

**56.** Hu għal kollox inaċċettabli li r-Rgħajja tal-Knisja jitqiegħdu taħt pressjoni f'din il-materja u li l-organizzazzjonijiet internazzjonali jikkundizzjonaw l-għajnuna finanzjarja lill-pajjiżi foqra skont jekk dawn idaħħlux liġijiet li jistabbilixxu ż-"żwieġ" bejn persuni tal-istess sess.

**It-trasmissjoni tal-ħajja u l-isfida tat-tnaqqis fir-rata tat-twelid**

**57.** Mhux diffiċli nintebħu kif qed tixtered mentalità li tirriduċi t-tnissil tal-ħajja għall-kriterji varji tal-proġetti individwali jew ta' koppja. Il-fatturi ta' ordni ekonomiku spiss għandhom piż determinanti u qed jikkontribwixxu għat-tnaqqis kbir fir-rata tat-twelid li qed idgħajjef it-tessut soċjali, jikkomprometti l-kontinwità bejn il-ġenerazzjonijiet u joħloq iżjed inċertezza fil-ħarsa tagħna lejn il-ġejjieni. Il-ftuħ għall-ħajja hu esiġenza intrinsika tal-imħabba konjugali. F'dan id-dawl, il-Knisja twieżen il-familji li jilqgħu, jedukaw u jdawru bi mħabbithom lill-ulied diversament abbli.

**58.** Anki f'dan il-qasam irridu nitilqu mis-smigħ tal-persuni u nagħrfu l-ġmiel u l-verità ta' ftuħ inkundizzjonat għall-ħajja li l-imħabba umana teħtieġ biex tista' tingħax fil-milja tagħha. Hu fuq din il-bażi li jista' jissejjes tagħlim xieraq dwar il-metodi naturali għall-prokreazzjoni responsabbli. Dan jgħin lill-miżżewġin jgħixu b'mod armonjuż u konsapevoli l-komunjoni ta' bejniethom, fid-dimensjonijiet kollha tagħha, flimkien mar-responsabbiltà ġenerattiva. Irridu niskopru mill-ġdid il-messaġġ tal-Enċiklika *Humanæ Vitæ* ta' Pawlu VI, li jagħfas fuq il-ħtieġa li nirrispettaw id-dinjità tal-persuna fil-valutazzjoni morali tal-metodi tal-kontroll tar-rata tat-twelid. L-adozzjoni tat-tfal, iltiema u abbandunati, milqugħa bħala veri wlied, hi forma speċifika ta' appostolat familjari (ara *Apostolicam Actuositatem*, III,11), iktar minn darba msemmija u mħeġġa mill-Maġisteru (ara *Familiaris Consortio*, III,II; *Evangelium Vitæ*, IV,93). L-għażla tal-adozzjoni u l-*fostering* tesprimi frott partikulari li kapaċi tagħti l-esperjenza konjugali, u dan mhux biss meta din hi mmarkata mill-isterilità. Din l-għażla hi sinjal elokwenti tal-imħabba fil-familja, okkażjoni biex nagħtu xhieda tal-fidi tagħna u nagħtu lura d-dinjità ta' iben u bint lil min ġie mċaħħad minnha.

**59.** Irridu ngħinu lil min jgħix l-affettività, anki fir-rabta konjugali, bħala mixja ta' maturazzjoni, fil-laqgħa dejjem iżjed miftuħa li għandna nagħtu lill-persuna l-oħra u f'għotja dejjem iżjed sħiħa. F'dan is-sens intennu l-ħtieġa li noffru mixjiet ta' formazzjoni li jgħinu l-ħajja konjugali u l-importanza ta' lajkat li joffri akkumpanjament magħmul minn xhieda ħajja. Hu ta' għajnuna kbira l-eżempju ta' mħabba fidila u profonda magħmula mill-ħlewwa u r-rispett, li kapaċi tikber maż-żmien u li fil-ftuħ konkret tagħha għat-tnissil tal-ħajja tagħmel l-esperjenza ta' misteru li jittraxxendina.

**L-isfida tal-edukazzjoni u r-rwol tal-familja fl-evanġelizzazzjoni**

**60.** Waħda mill-isfidi fundamentali li qed isibu quddiemhom illum il-familji hi bla dubju ta' xejn dik edukattiva, li qed issir iktar impenjattiva u kumplessa minħabba r-realtà kulturali tal-lum u l-influwenza kbira tal-medja. Mhux ta' min iwarrab il-bżonnijiet u t-tamiet ta' familji li kapaċi, fil-ħajja ta' kuljum, isiru mkejjen fejn wieħed jikber, fejn issir it-trasmissjoni konkreta u essenzjali tal-virtujiet li jsawru l-eżistenza. Dan ifisser li l-ġenituri jistgħu jagħżlu b'mod ħieles it-tip ta' edukazzjoni li jixtiequ jagħtu lil uliedhom skont il-konvinzjonijiet tagħhom.

**61.** Il-Knisja għandha rwol prezzjuż fit-tweżin tal-familji, ibda mill-inizjazzjoni Nisranija, fi ħdan komunitajiet miftuħa biex jilqgħu fihom. Minnha hu mitlub, illum aktar mill-bieraħ, fis-sitwazzjonijiet kumplessi daqskemm f'dawk ordinarji, li twieżen lill-ġenituri fl-impenn edukattiv tagħhom, issieħeb it-tfal, adolexxenti u żgħażagħ huma u jikbru f'mixjiet personalizzati li kapaċi jintroduċuhom għas-sens sħiħ tal-ħajja u jqanqlu fihom għażliet u responsabbiltajiet, li jgħixuhom fid-dawl tal-Vanġelu. Marija, bil-ħlewwa, il-ħniena u s-sensibbiltà tagħha ta' omm, hi msejħa mill-familja u l-poplu Nisrani biex titma' l-ġuħ għall-umanità u għall-ħajja. Il-pastorali u devozzjoni Marjana huma punt ta' tluq tajjeb biex nistgħu nħabbru l-Vanġelu tal-familja.

**Konklużjoni**

**62.** Ir-riflessjonijiet li pproponejna, frott tal-ħidma sinodali li twettqet b'libertà kbira u fi stil ta' smigħ reċiproku, għandhom l-għan li joħolqu diskussjoni u jixħtu dawl fuq perspettivi li issa jridu jiġu mmaturati u ppreċiżati mir-riflessjoni tal-Knejjes lokali tul is-sena li hemm tifridna mill-Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet maħsuba għal Ottubru 2015, iddedikata għall-vokazzjoni u l-missjoni tal-familja fil-Knisja u fid-dinja tal-lum. Mhumiex deċiżjonijiet jew perspettivi faċli. Imma l-mixja kolleġġjali tal-isqfijiet u s-sehem

tal-poplu kollu ta’ Alla, imdawla mill-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu, bil-mudell tal-Familja Mqaddsa quddiemna, jistgħu jmexxuna biex insibu toroq ta’ verità u ta’ ħniena għal kulħadd. Dan hu l-awgurju li sa mill-bidu tal-ħidmiet tagħna għamlilna l-Papa Franġisku meta stedinna għall-kuraġġ tal-fidi u biex b’umiltà u onestà nilqgħu l-verità fl-imħabba.

*miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*